# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum l-20 ta' Gunju, 2018**

**Prim Awla tal-Qorti Civili**
**Rikors Numru 359/2013 SM**

**Joseph Baldacchino**
**(I.D. 330251 (M))**
**u martu**
**Doris Baldacchino**
**(I.D. 15450 (M))**

**vs.**

**Fabian Fenech**
**(I.D. 467483 (M))**
**u**
**Mario Fenech**
**(I.D. 114659 (M))**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat datat il-15 t'April, 2013, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament issottomettew is-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi r-rikorrenti huma proprjetarji tal-garaxx indikat fl-istess rikors promotur;

1.2. Illi fil-25 ta' Settembru, 2012, il-vettura proprjeta` tal-intimati indikata wkoll fl-istess rikors promotur thalliet fi Triq Wied il-Ghajn, Haz-Zabbar, minkejja li l-intimati kienu jafu li kien gej il-maltemp u, li fl-istess triq jghaddi hafna ilma;

1.3. Illi waqt maltempata li kien hemm fid-data indikata fil-paragrafu precedenti, l-vettura fuq riferita ingarret bl-ilma u kissret il-bieb tal-garaxx proprjeta` tar-rikorrenti;

1.4. Illi konsegwenza tal-istess, l-ilma tax-xita dahal fil-garaxx u fil-basement sottostanti u gharraq vettura, magna ta' speedboat, u makkinarju li kien hemm immagazzinat fl-istess fond;

1.5. Illi ghalhekk sofrew danni kemm fil-garaxx u fil-makkinarju taghhom;

1.6. Illi dan l-incident sehh unikament minhabba negligenza u imperizja tal-intimati;

1.7. Illi ghalkemm interpellati biex jaghmlu tajjeb ghall-hsarat hekk ikkagunati, l-intimati baqghu inadempjenti;

1.8. Illi biex jikkawtelaw il-pretensjonijiet taghhom attjenew mandat ta' sekwestru kawtelatorju;

1.9. Illi ghalhekk aderew din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.9.1. Tiddikjara li l-incident in dizamina sehh tort unikament tal-intimati minhabba imperizja u negligenza;

1.9.2. Tiddikjara li rizultat tal-istess sofrew danni;

1.9.3. Tillikwida d-danni hekk sofferti, okkorrendo permezz ta’ periti *nominandi*;

1.9.4. Tikkundanna lill-intimati jhallsu l-ammont hekk likwidat *in solidum*;

1.9.5. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur;

2. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat it-2 ta’ Mejju, 2013, li permezz tieghu appuntat l-istess procedura ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 4), u tat id-direzzjoni procedurali lill-partijiet, (ara foll 5);

3.0. Rat in-nota datata l-10 ta’ Mejju, 2013, li permezz taghha s-socjeta` assikurattiva hemm indikata iddikjarat li, (ara foll 9):

3.1. Il-vettura in dizamina kienet koperta b’assikurazzjoni tat-tip komprensiv, (ara foll 10);

3.2. Qed tassumi l-patrocinju tal-intimati fil-procedura odjerna;

4.0. Rat ir-risposta datata z-17 ta’ Lulju, 2013, li permezz taghha l-intimati sintetikament irrispondew bil-gurament bil-mod segwenti, (ara foll 44):

4.1. Illi preliminarjament r-rikors promotur ma jinkludix id-dikjarazzjoni rikjesta mil-ligi *ai termini* tal-artiklu 156 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, (minn issa ’l quddiem Kap 12);

4.1.1. Illi ghalhekk ir-rikors promotur in dizamina hu null u minghajr effett ai termini tal-artiklu 789(1) (d) tal-Kap 12;

4.1.2. Illi l-intimat Mario Fenech la kien qed isuq l-imsemmija vettura u lanqas kellu l-pussess effettiv taghha fil-hin tal-incident;

4.1.3. Illi ghalhekk l-azzjoni odjerna ghad-danni qatt ma tista’ tkun promossa kontra l-intimat Mario

Fenech li ghalhekk, *stante* li mhux il-legittimu kontradittur, ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

4.2. Illi fil-mertu jirrispondu ulterjorment is-segwenti:

4.2.1. Illi fil-gurnata indikata fir-rikors promotur il-vettura tal-intimati ma kienet involuta fl-ebda incident;

4.2.2. Illi ghalhekk m'huma responsabbli ghal ebda danni;

4.2.3. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna huma *act of God* u b'hekk, ma tista' tigi attribwita l-ebda responsabbilita` lilhom;

4.2.4. Illi r-rikorrenti ghandhom igibu prova li huma l-proprjetarji tal-fond fejn sar l-incident *de quo* u tal-makkinarju involut;

4.2.5. Salv risposti ulterjuri;

5. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat id-9 ta' Jannar, 2014, li permezz tieghu appuntat lill-assistent gudizzjarju hemm indikata, (ara foll 53 u 54);

6. Rat id-digriet taghha kif issa preseduta datat id-29 t'April, 2014, li permezz tieghu awtorizzat lill-istess assistent gudizzarjarju biex tirritorna l-inkartament fl-atti tal-procedura, (ara foll 56);

7. Rat id-digriet taghha datat id-9 t'Ottubru, 2014, (ara foll 79), li permezz tieghu, fuq indikazzjoni tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, hatret lill-perit tekniku hemm indikat ghall-finijiet indikati fir-rikors tar-rikorrenti datat is-27 t'Awwissu, 2014, (ara foll 69);

8. Rat id-digriet taghha datat il-25 t'Ottubru, 2017, li permezz tieghu, wara li l-abbi rapprezentanti legali tal-partijiet iddikjaraw li ma kellhomx provi ohra x'jipproducu, u wara talba appozita ghall-istess, awtorizzat lill-partijiet biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 240), u kif sussegwentement estizi, (ara foll 241 u 259);

9. Rat id-digriet taghha datat it-22 ta' Jannar, 2018, li permezz tieghu, wara talba appozita ghall-korrezzjoni datata t-3 ta' Jannar, 2018, awtorizzat il-korrezzjoni fir-rikors hemm indikata fis-sens li d-data minnhom hemm indikata li fiha gara sehh l-incident in dizamina taqra minflok il-25 t'Ottubru, 2012, (ara foll 250, 255 u 1);

10. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata d-29 ta' Dicembru, 2017, (ara foll 241), flimkien man-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati datata t-12 ta' Marzu, 2018, (ara foll 260);

11. Semghet ix-xhieda prodotta;

12. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati pprezentati *in atti*, u dawk ipprezentati mill-assistent gudizzjarju fuq riferita;

13. Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-abbli rapprezentanti legali tal-kontendenti;

Ikkunsidrat:

14.0. Illi l-procedura in dizamina tista' tigi sintetikament elenkata bil-modalita` segwenti:

14.1. Illi jirrizulta li fil-lejl tal-25 t'Ottubru, 2012, kien hemm maltempata kbira f'Malta, (ara foll 95), - mhux fil-25 t'Ottubru, 2013, kif isosstni l-istess rikorrenti Joseph Baldacchino fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu, (ara foll 58);

14.2. Illi l-istess rikorrenti indikat fil-paragrafu precedenti jsosstni li meta hareg l-ghada tal-maltempata sab il-bieb tal-garaxx li ghandu mad-dar mifqugh, (ara foll 58);

14.3. Illi l-imsemmi bieb infaqa' meta l-maltemp mexxa l-vettura tal-intimati fuq l-imsemmi bieb tal-garaxx, (ara foll 58), liema vettura kienet ipparkjata fit-triq fejn jinsab l-imsemmi garaxx;

14.4. Illi billi l-bieb tal-garaxx *de quo* infaqa' l-ilmijiet tal-maltempata invadew il-garaxx tar-rikorrenti u kkangunaw il-hsarat riklamati mir-rikorrenti, (ara foll 59);

14.5. Illi l-elenku tal-hsarat sofferti mir-rikorrenti kien redatt minn perit appozitament inkarigata mir-rikorrenti, (ara foll 33);

14.6. Illi l-ghada tal-incident l-intimat Fabian Fenech intavola rapport fir-rigward mal-Pulizija, (ara foll 90);

14.7. Illi r-rikorrenti kien ukoll issottometta t-talba tieghu mas-socjeta` assikurattiva tieghu ghall-ispejjez minnu sofferti fl-istess incident, (ara foll 59);

14.8. Illi skont ir-rapport meterjologiku pprezentat in atti jirrizulta effettivament li fil-25 t'Ottubru, 2012, kien hemm maltempata, (ara foll 95);

14.9. Illi d-danni sofferti mir-rikorrenti rizultat tal-maltempata *de quo* jirrizultaw elenkati mill-espert tekniku fir-relazzjoni tieghu, (ara foll 191 u 192);

Ikkunsidrat:

15. Illi l-ewwel jigu investiti l-eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimati, (ara foll 44);

Ikkunsidrat:

16.0. Illi l-ewwel (1) eccezzjoni preliminari tirrigwarda n-**nuqqas ta' dikjarazzjoni** li r-rikorrenti jafu l-fatti minnhom dikjarati personalment *ai termini* tal-artiklu 156 tal-Kap 12, (ara foll 44);

16.1. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghar-rikors tar-rikorrenti datat il-5 ta' Dicembru, 2013, (ara foll 51);

16.2. Illi permezz tal-istess rikors indikat fil-paragrfu precedenti r-rikorrenti talbu korrezzjoni fir-rikors promotur *ai termini* tal-artiklu 175 tal-Kap 12 fejn talbu li hemm jizdiedu l-kliem:

"Dawn il-fatti jaf bihom ir-rikorrenti personalment", (ara foll 51);

16.3. Illi permezz tad-digriet taghha diversament preseduta datat is-6 ta' Dicembru, 2013, il-qorti *de quo* laqghet it-talba in dizamina, (ara foll 52);

17. Illi *stante* l-korrezzjoni in dizamina fuq riferita, l-eccezzjoni sollevata mill-intimati fir-rigward giet debitament sorvalta u konsegwentement, m'hemm bzonn li jinghad xejn aktar fir-rigward;

Ikkunsidrat:

18.0. Illi t-tieni (2) eccezzjoni preliminari tirrigwarda r-risposta tal-intimati li l-intimat Mario Fenech **mhux il-legittimu kontradittur**, (ara foll 44);

18.1. Illi din l-eccezzjoni preliminari giet sottomessa *stante* li l-imsemmi Mario Fenech:

18.1.1. La kien qed isuq il-vettura in dizamina fil-mument tal-incident; u

18.1.2. Lanqas kellu l-pussess effettiv tal-vettura tal-marka Citroen numru LCN – 681;

18.2. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri** fl-ismijiet **Grace Sacco vs. Is-Supretendent Mediku fl-Isptar Generali ta' Ghawdex *et***, datata s-**16 t'Ottubru, 2007** li sosstniet li:

"Hu fatt li sabiex jigi stabbilit jekk persuna hijiex jew le l-legittimu kontradittur ta' parti f'kawza, jehtieg li fl-ewwel lok jigi stabbilit fuq bazi ta' *prima facie* jekk il-persuna li giet imharrka kienitx materjalment involuta f'dak li minnu qeghda tilmenta r-rikorrenti. Cioe` jekk bl-agir tieghu holoq relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini kif gew proposti mir-rikorrenti";

Ikkunsidrat:

19. Illi minn ezami tal-evidenza prodotta in atti mir-rikorrenti dawn naqqsu li jippruvaw li kien hemm xi ness legali bejn l-intimat Mario Fenech u l-vettura fuq indikata, (ara paragrafu numru tmintax punt wiehed punt tnejn, (18.1.2.), aktar qabel);

20. Illi konsegwenza tal-istess ghandha ghalhekk tigi akkolta din it-tieni (2) eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimati fil-konfront tal-intimat Mario Fenech li billi la jirrizulta li hu l-proprjetarju tal-vettura in dizamina, u lanqas jirrizulta li kellu xi ness mall-istess;

Ikkunsidrat:

21.0. Illi fir-rigward tal-**mertu** tal-vertenza in dizamina, jinghad sintetikament is-segwenti:

21.1. Illi hawn ir-rikorrenti qed jitolbu l-likwidazzjoni u hlas ta'danni kkagunati lilhom *stante* li l-vettura proprjeta` tal-intimat Mario Fenech izda misjuqa mill-intimat l-iehor Fabian Fenech thalliet parkeggjata fi Triq Wied il-Ghajn, Haz-Zabbar, u dan, minkejja li l-imsemmija intimati kienu jafu, jew setghu jkunu jafu, li kien ser jaghmel il-maltemp, u li fl-istess triq jghaddi hafna ilma tax-xita, (ara foll 59);

21.2. Illi effettivament jirrizulta li fil-lejl tal-25 t'Ottubru, 2012, kien ghamel maltemp kbir, (ara foll 95), bil-konsegwenza li l-vettura in dizamina tkaxkret fuq il-bieb tal-garaxx proprjeta` tar-rikorrenti, (ara foll 58), u peress li l-ilma tax-xita invada l-garaxx *de quo*, ir-rikorrenti sofrew il-hsarat minnhom allegati, (ara foll 59);

21.3. Illi l-intimati jsosstnu huma jahtux ghall-incident in dizamina *stante* li l-istess incident hu rizultat ta' maltempata kbira, (ara foll 99);

Ikkunsidrat:

22. Illi sintetikament jirrizulta ghalhekk li l-intimati qed jallegaw li l-incident *de quo* kien wiehed fortuwitu u allura mhuwiex responsabbli ghall-akkadut u ghall-hsarat rizultanti mill-istess;

23. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **George Bonnici nomine vs. Nicholas Ellul *et***, datata t-**2 ta' Frar, 2005** li irriteniet is-segwenti:

> "Jibda biex jigi precizat illi fejn intimat jinvoka l-kaz fortuwitu bhala motiv ta' ezenzjoni mir-responsabilita` ghad-danni l-oneru tal-prova tal-kaz fortuwitu hu mixhut fuqu. Dan il-bazi ghall-massima: "*allegens causam fortuitum illum probare tenetur*". Ara Kollez. Vol. XLIV PI p 329;
>
> "Effettivament huwa jehtieglu jipprova l-konkos ta' dawn iz-zewg fatturi:-
>
> (a) l-accident jew limprevvist bhala kawza tal-hsara;
>
> (b) In-nuqqas ta' htija daparte tieghu bhala kawza medjata u immedjata tal-hsara;

24. Illi in vista ghalhekk tal-principju li min jallega jrid jipprova, allura jinkombi fuq l-intimati li japprovaw il-forza magguri minnhom invokata;

Ikkunsidrat:

25. Illi fil-gurnata immedjatament qabel il-maltempata jirrizulta li l-vettura in dizamina kienet ipparkjata fit-triq *de quo* li fiha jirrisjedu l-kontendenti, (ara foll 98);

26. Illi effettivament, anke r-rikorrenti jipparkjaw il-vettura proprjeta` taghhom fl-istess triq fejn jirrisjedu fejn sehh l-incident in dizamina, (ara foll 98);

27. Illi jirrizulta wkoll li l-istess vettura involuta fl-incident *de quo* kienet mizmuma fi stat tajjeb, (ara foll 109);

28. Illi in vista tal-istess, ma tirrizulta l-ebda htija tal-intimat Fabian Fenech fir-rigward;

Ikkunsidrat:

29. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza fuq citata, (ara paragrafu numru tlieta u ghoxrin, (23.), aktar qabel), li issottolineat is-segwenti:

> "*... vi ha la violazione di un dovere ed una volontaria omissione di diligenza per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione od omission e si viola il diretto altrui senza volerlo ed anche senza avvedersene (Kollez. Vol. XXIV P I p 172*)";

Ikkunsidrat:

30. Illi jirrizulta ampjament assodat li fil-gurnata in dizamina, l-25 t'Ottubru, 2012, kien hemm maltempata b'xita qawwija u raghad, (ara foll 95);

31. Illi pero` jirrizulta wkoll pacifiku li l-akkadut li minnu jilmentaw r-rikorrenti bl-ebda mod ma jirrizulta li kien rizultat ta' xi azzjoni jew ommissjoni tal-intimati;

32. Illi effettivament, l-akkadut jirrizulta li kien biss kaz fortuwitu;

Ikkunsidrat:

33. Illi ghalhekk issir referenza f'dan l-istadju ghall-artiklu 1029 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, (minn issa 'l quddiem Kap 16), li jistabbilixxi s-segwenti:

> "Kull hsara li tigri b'accident jew b'forza magguri, ibatiha, fin-nuqqas ta' dispozizzjoni espressa tal-ligi li tghid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew il-beni tieghu tigri l-hsara";

Ikkunsidrat:

34.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti tqis li r-rikorrenti naqsu li jippruvaw il-kaz taghhom skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

34.1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel (1) eccezzjoni preliminari tal-intimati;

34.2. Tirrespingi t-talbiet tar-rikorrenti;

34.3. Takkolji t-tieni (2) eccezzjoni preliminari tal-intimat Mario Fenech u *stante* li mhux il-legittimu kontradittur tar-rikorrenti, tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju;

34.4. Takkolji r-risposti tal-intimat rimanenti Fabian Fenech fuq il-mertu;

34.5. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra r-rikorrenti.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**